

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2018 – Tecnodidattica vs EUIPO (Bażi tal-lampi)****(Kawża T-752/18)**

(2019/C 72/48)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan***Partijiet**

*Rikorrenti:* Tecnodidattica SpA (San Colombano Certenoli, l-Italja) (rappreżentanti: S. Corona u F. Corona, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali (Forma ta' bażi tal-lampi) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 997 308

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Ottubru 2018 fil-Każ R 76/2017-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2018 – Koinopraxia Touristiki Loutrakiou vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-757/18)**

(2019/C 72/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Koinopraxia Touristiki Loutrakiou AE OTA – Loutraki AE – Klab Otel Loutraki Kazino Touristikos kai Xenodocheiakos Epicheiriseis AE (Loutraki, il-Greċja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni tad-9 ta' Awwissu 2018 dwar miżuri għal ċerti każinos Griegi SA.28973 – C 16/2010 (ex NN 22/201, ex CP 318/2009)
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi biex isostnu li d-deċiżjoni kkontestata kissret id-drittijiet proċedurali tagħha u għalhekk għandha tiġi annullata.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-parti tad-deċiżjoni kkontestata li fiha l-Kummissjoni eżaminat jekk l-għajjnuna mill-Istat allegat tagħti “vantaġġ ta’ attrazzjoni” għandha tkun ikkaratterizzata bħala deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet adottata wara l-proċedura ta’ eżaminazzjoni preliminari. Għalhekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kien imissha bdiet il-proċedura ta’ investigazzjoni informali minħabba li kien hemm dubji serji dwar l-eżistenza ta’ vantaġġ ta’ attrazzjoni ffinanzjat minn riżorsi mill-Istat.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kienet, fi kwalunkwe każ obligata li tiftaħ mill-ġdid il-proċedura ta’ investigazzjoni formali bis-saħħa tas-sentenza T-425/11. Fil-fatt, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet, fil-prinċipju, obligata tagħti avviż lill-partijiet ikkonċernati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

---

### Rikors ippreżentat fil-21 ta’ Diċembru 2018 – La Caixa vs EUIPO – Imagic Vision (imagin bank)

(Kawża T-761/18)

(2019/C 72/50)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

### Partijiet

*Rikorrenti:* Fundación bancaria caixa d'estalvis i pensions de Barcelona La Caixa (Palma de Mallorca, Spanja) (rappreżentanti: I. Valdelomar Serrano, P. Román Maestre, D. Liern Cendrero, D. Gabarre Armengol u J. Rodriguez Fuensalida, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Imagic Vision, SL (Madrid, Spanja)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni “imagin bank”– Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 861 108

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-22 ta’ Ottubru 2018 fil-Każ R 1954/2017-4

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddeċiedi li dan ir-rikors huma ammissibbli kontra d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkonstata l-applikazzjoni żbaljata f’dik id-deċiżjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;